# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com

Ħarġa Nru 34



## Igħid San Alfonz M de Liguori Duttur, Isqof u Fundatur

**Naghmlu x'naghmlu, qatt ma naslu li nkunu veri wlied ta' Marija, sakemm ma nkunux umli.**

**Marija, li b'tant glorja lil Alla u imhabba lejna, kkoperat fis-salvazzjoni, l-Mulej ordna li hadd ma jikseb is-salvazzjoni jekk mhux permezz tal-interċessjoni taghha.**

**Meta x-xitan jixtieq jaħkem ruħ, iħajjarha titlaq id-devozjoni lejn Marija.**

**Nonuraw lil Marija biex noghġbu lil Ġesù Kristu.**

**Wara l-imħabba li għandu jkollna lejn Ġesù Kristu, għandna nagħtu l-ogħla post f'qalbna lill-imħabba lejn Ommu Marija.**

**Nirrikorru dejjem lejn l-Imqaddsa Marija biex nakkwistaw l-imħabba ta' Ġesù**

## Mill-Ktieb: Il-Glorji ta' Marija ta' San Alfonz M de Liguori Duttur tal-Knisja

**Il-klijenti ta' din l-aktar ħanina Omm huma xxurtjati mmens. Hija tgħinhom kemm f'din il-ħajja kif ukoll fl-oħra, tfarraġhom u tagħtihom palata fil-Purgatorju. Għas-sempliċi raġuni li l-Erwieħ tal-Purgatorju tant huma fil-bżonn tal-għajnuna, ladarba ma jistgħux jgħinu lilhom infushom, din Ommna tal-Hniena tant tagħmel biex tissollevahom. Lejn dawn l-Erwieħ Imsejkna, li huma l-għarajjes ta' Kristu, hija tħarreġ dominju partikulari, bil-qawwa biex ittaffilhom u saħansitra teħlishom mit-tbatijiet.**



**Ara mela kemm huwa mportanti li jkollok devozjoni lejn din is-Sinjura twajba, għaliex Hija qatt ma tinsa lill-qaddejja tagħha waqt li jkunu jsofru fil-fjammi. Jekk Hija tgħin lill-Erwieħ Imsejkna, hija aktar ħanina u tikkonsla b'mod speċjali lill-klijenti tagħha**

***An apple a day keeps the doctor away .... A Rosary a day keeps the devil away "***



**Santa Katerina Labourè** kienet tippronunzja b'tant ħlewwa t-talba tar-Rużarju li min kien ikun ħdejha kien jedifika ruħu u jħoss li kienet qed tara lill-**Verġni Mbierka**.

L-istess jingħad minn **San Stanislaw Koska**, **1550 1568,** novizz Ġiżwita, Pollakk, Prinċep Kien jirreċita r-Rużarju għarkubbtejh u jikkommovi ruħu donnu qed jaraha b'għajnejh.